## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju, 2019**

**Talba Nru: 472/2018PM1**

**Ian Sammut (KI 314666(M)) u Antonia Sammut (KI 549360(M))**

**Vs**

**Philip Cilia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-1 ta' Ottubru, 2018 illi permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi ordnat ihallas is-somma ta' hamest elef euro (€5000) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti minnhom u kkawzati mill-konvenut b'rizultat ta' incident stradali li sehh fil-5 ta' Jannar, 2016 u ghal-liema incident gie misjub hati l-istess konvenut b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-18 ta' Frar, 2016 bl-ispejjez u bl-imghax

mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjon.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 17 t' Ottubru, 2018 li permezz taghha eccepixxa :

1. In linea preliminari, in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tibunal sabiex jisma' u jiddeciedi l-mertu tal-proceduri odjerni u dana ghaliex tali mertu jaqa' fil-parametri tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta ghal arbitragg mandatorju ;
2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, li l-azzjoni odjerjna hija preskritta ai termini tal-art. 2154(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta senjatament l-art. 688€ tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. In linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghaliex l-incident ma sehh b'tort imputabbli lill-konvenut u kwindi l-ebda ammont ma huwa dovut da parti tal-konvenuti.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Yvette Tonna Borg u ra n-nota prezentata mill-konvenut bid-dokumenti annessi waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Joyce Agius u ta' Malcolm Aquilina waqt is-seduta tal-15 ta' Frar, 2019.

Kompla jisma' x-xhieda ta' Malcolm Aquilina waqt is-seduta tal-20 ta' Marzu, 2019. Ra n-nota tal-atturi bl-affidavits annessi prezentata wkoll waqt l-istess seduta.

Sema' x-xhieda tal-atturi waqt is-seduta tat-8 t'April, 2019 u x-xhieda ta' Dr. Chris Cilia waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju, 2019.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qed jitolbu kumpens ghad-danni sofferi minnhom u allegatament ikkawzati mill-konvenut b'rizultat ta' incident stradali li sehh fil-5 ta' Jannar, 2016.

Illi l-konvenut da parti tieghu eccepixxa preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal peress illi l-kawza tirrigwardja incident awtomobilistiku u kwindi l-mertu jaqa' fil-parametri tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-**Att dwar l-Arbitragg** (Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta). Kif verbalizzat fil-20 ta' Marzu, 2019 il-konvenut kien irtira tali eccezzjoni u dana, fil-fehma tat-Tribunal, gustament stante li r-Raba' Skeda tal-**Att dwar l-Arbitragg** tipprovdi espressament li ghandhom jigu sottomessi ghall-arbitragg « *Kull tilwima ċivili jew kummerċjali,* ***li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil-persuna****, li tkun tilwima li toriġina minn: (a) kolliżjoni bejn vetturi* » (enfazi mizjuda). Konsegwentement ghal kull buon fini u in vista tal-fatt li t-Tribunal huwa tenut li jikkunsidra kwistjonijiet koncernanti l-kompetenza tieghu bhala materja ta' ordni pubbliku anke fin-nuqqas ta' eccezzjoni sollevata f'tali rigward, it-Tribunal isib li huwa kompetenti sabiex jiddeciedi l-kawza odjerna li tirrigwardja talba ghal rifuzjoni ta' danni allegatament sofferti mill-atturi konsistenti wkoll minn danni fuq il-persuna tal-attrici Sammut rapprezentanti spejjez medici u telf ta' introjtu rizultanti minn griehi li allegatament sofriet waqt tali incident.

Illi konsegwentement it-Tribunal ser jghaddi sabiex jaghti decizjoni fir-rigward tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut u li permezz taghha qed jeccepixxi li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-art. 2154(1) tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni jinghad li l-art. 2125(d) tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi testwalment li:

> « *Il-preskrizzjoni hija wkoll sospiza :-*
>
> *(d)k wantu għal azzjoni għad-danni, matul dak iż-żmien qabel ma ssir il-kawża li fih ikunu qegħdin isiru negozjati bejn il-partijiet kollha jew xi wħud minnhom jew l-assiguraturi tagħhom li jkollhom interess fl-azzjoni kontra xulxin.*»

Il-konvenut f'dawn il-proceduri jipprova jargumenta illi, ghalkemm tassew li kienu ghaddejjin negozjati bejn l-atturi u l-assigurazzjoni tal-konvenut, tali disposizzjoni ma tistax tapplika ghall-kaz in ezami fejn it-trattattivi bejn il-partijiet ghaddew dejjem minghajr pregudizzju. Mandanakollu t-Tribunal ma jistax jaqbel ma' tali sottomissjoni. Fl-ewwel lok jinghad li d-disposizzjoni legali kif hawn fuq citata bl-ebda mod ma teskludi l-applikazzjoni taghha f'kazijiet fejn in-negozjati bejn il-partijiet isiru minghajr pregudizzju u lanqas, *a contrario sensu*, ma timplika b'xi mod li l-applikazzjoni taghha hija limitata ghal dawk it-trattattivi li fihom parti jew ohra taghmel xi dikjarazzjoni bil-kontra ta' dan u li kwindi tkun tikkostitwixxi rikonjizzjoni tal-addebitu. Fuq kollox jinghad li, kif jinsab regolarment deciz, trattattivi bejn il-partijiet u wkoll tramite l-avukati taghhom huma min-natura taghhom stess minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet rispettivi tal-istess partijiet:

> "***<u>Trattativi mizmuma pendente lite intizi biex tinsab soluzzjoni ghall-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti, jinzammu dejjem bla pregudizzju</u>*** *u l-kontenut ta' dawk it-trattattivi, sakemm ma jkunux wasslu ghas-soluzzjoni tal-vertenza, ma jista' qatt jigi uzat minn wahda mill-partijiet minghajr il-kunsens tal-kontro-parti u mhux ammissibli bhala prova" (App 16/4/2004* ***Mizzi vs Mousu****).* » (**Joseph Attard v. Carmelo Attard et** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju, 2006).

Illi fuq kollox jinghad li r-rikonjizzjoni tad-debitu twassal mhux ghas-sospensjoni tal-preskrizzjoni a  bazi tal-artikolu imsemmi imma proprju ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni (hekk, per ezempju, jinsab deciz mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Staines Patrick Noe Vs Falzon Charles Et Noe** deciza fit-3 t'Ottubru, 2002: "*Id-debitur li jammetti li ghandu jaghti lill-attur, imma ma jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma pretiza, jigi li jirrinunzja ghall-preskrizzjoni.* ***"Gialanze vs Rizzo"*** *deciza millOnorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Jannar, 1998, (ara ukoll* ***"Giullaumier vs Aveta"****, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Dicembru, 1998, u* ***"Azzopardi vs Cassar"*** *deciza ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998.)*»

Illi huwa minnu, allura, li « *Korrispondenza li tkun saret "bla pregudizzju" qatt ma jistghu jammontaw ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni li ghandha tkun specifika, espressa u cara.* » (**Ellul Nicholas Et Vs Cutajar Mary Et** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2002). Imma l-art. 2125(d) jipprovdi biss ghas-sospensjoni tal-preskrizzjoni sakemm isiru tali trattattivi jew negozjati bejn partijiet – min-natura taghhom stess minghajr pregudizzju - u mhux ukoll ghal rinunzja tal-preskrizzjoni. Huwa car li l-intenzjoni tal-legizlatur kienet proprju dik li tagevola trattattivi li jsiru bejn il-partijiet – anke jekk necessarjament fuq bazi minghajr pregudizzju – minghajr ma parti jew ohra tigi pregudikata mit-trapass taz-zmien li jghaddi matul tali trattattivi fir-rigward tat-terminu preskrittiv legalment impost. Ovvjament, f'kaz li tali negozjati ma jirnexxux, it-trattattivi jibqghu minghajr pregudizzju ghad-dritt li kull parti tressaq l-argumenti taghha sabiex tiddefendi l-posizzjoni taghha anke fi proceduri gudizzjari, dana salv illi z-zmien li jkun gie utilizzat ghal tali negozjati ma jkunx jista' jigi komputat ai fini tad-dekors tat-terminu preskrittiv. Dan qed jinghad soggett ghal dak li ser jinghad aktar tard u cioe` li tali trattattivi ghandhom, fi kwalunkwe kaz, ikollhom fini determinat.

Illi fil-kaz in ezami, skont it-*timeline* ezebita minn Malcolm Aquilina in rapprezentanza tal-assikurazzjoni tal-konvenut (Dok. MA 4 a fol 83 tal-process) jirrizulta car li n-negozjati bdew bejn l-assigurazzjonijiet tal-partijiet rispettivi ftit jiem wara l-incident u

dana billi l-ewwel offerta da parti tal-assikurazzjoni tal-konvenut saret, minghajr pregudizzju, fil-11 ta' Jannar, 2016 meta l-incident kien sehh fil-5 ta' Jannar, 2016. Dawn it-trattativi baqghu ghaddejjin bejn l-assikurazzjonijiet rispettivi sakemm l-assikurazzjoni tal-konvenut regghet ghamlet offerta ohra minghajr pregudizzju fit-13 ta' Mejju, 2016. Fit-23 ta' Frar, 2017 l-istess assikurazzjoni irceviet ittra legali minghand l-avukat tal-atturi odjerni u, abbazi tal-istess, talbet dokumentazzjoni minghand l-atturi fuq bazi minghajr pregudizzju. Madanakollu, wara li fil-5 ta' Marzu, 2018 rceviet *email* direttament minghand l-atturi, l-assikurazzjoni tal-konvenut wiegbet fis-6 ta' Marzu, 2018 illi issa t-talba kienet preskritta. Huwa kwindi car li almenu mill-11 ta' Jannar, 2016 (meta l-assikurazzjoni tal-atturi l-ewwel baghtet ir-rapport tal-Pulizija lill-assikurazzjoni tal-konvenut) sat-13 ta' Mejju, 2016 in-negozjati kienu ghadhom ghaddejjin bejn l-assikurazzjonijiet rispettivi u kwindi huwa car li l-preskrizzjoni ghandha tigi kkunsidrata sospiza ghaz-zmien li ghadda bejn iz-zewg dati (erba' xhur u jumejn). F'dak il-kaz huwa car li l-fini ta' tali negozjati kien proprju dak li jwassal sabiex jigi determinat min kien jahti ghall-incident u f'liema grad. Hekk ukoll jista' ghal massimu jinghad li l-preskrizzjoni regghet giet sospiza meta l-avukat tal-atturi baghat ittra legali f'isimhom (23 ta' Frar, 2017) u l-assikurazzjoni tal-konvenut talbet dokumentazzjoni a sostenn tat-talba (27 ta' Marzu, 2017) biex b'hekk in-negozjati kienu ghaddejjin ukoll matul tali xahar u erbat ijiem. Madanakollu jirrizulta daqstant iehor car li bejn it-13 ta' Mejju, 2016 u t-23 ta' Frar, 2017 it-trattattivi kienu gew interrotti hesrem da parti tal-assikurazzjoni tal-atturi u dana sakemm dahlu fix-xena l-istess atturi tramite l-avukat taghhom proprju permezz tal-ittra legali datata 27 ta' Frar, 2017 fejn l-assikurazzjoni tal-konvenut wiegbet ghall-istess billi talbet dokumentazzjoni fis-27 ta' Marzu, 2017.

Skont ix-xhud Malcolm Aquilina « *dak li konna qed nitolbu min-naha tal-attrici kien FS3's u payslips da parti taghha. Din id-dokumentazzjoni ahna bqajna qatt a rcevejniha minghand l-attrici. Jiena din id-dokumentazzjoni ridtha sabiex inkun nista' nikkwantifika t-talba taghha u nkun nista' wkoll nirregola l-posizzjoni tal-assigurazzjoni fir-rigward tar-riserva taghna.* » (xhieda moghtija fil-15 ta' Frar, 2019). L-istess Aquilina kompla

jixhed li : « *oltre FS3's u payslips ahna konna tlabna payslips ta' tlett xhur qabel l-incident kif ukoll tlett xhur wara l-istess incident, kopja tal-FS3's tar-rikorrenti fir-rigward tas-snin elfejn u sittax (2016) / elfejn u sbatax (2017), kif ukoll ic-certifikati medici kollha rigwardanti l-incident in kwistjoni ghal perjodu kollu relattiv. F'dan is-sens jiena kont bghatt email lil Dr. Cilia datata 27 ta' Marzu, 2017.* » (xhieda moghtija fit-22 ta' Marzu, 2019). Din ix-xhieda tinsab effettivament konfermata mill-attrici stess salv illi tikkontendi li « *jiena pprovdejt dawn id-dokumenti kif mitluba sabiex b'hekk Gasan Mamo setghu jikkonfermaw l-ammonti mitluba.* » (affidavit tal-attrici a fol. 97 tal-process). Zewgha wkoll jikkonferma : "*ahna baghtna kopja ahna bl-email* » (affidavit tal-attur a fol. 94 tal-process) u kwindi huwa car li, anke skont l-atturi, fl-ahjar ipotezi tali dokumenti intbaghtu permezz tal-*email* taghhom (datata 5 ta' Marzu, 2018) kwazi sena wara li kienu gew mitluba jipprovduhom mill-assikurazzjoni konvenuta.

Hawn ukoll allura jirrizulta li t-tahdidiet gew interrotti ghal ftit inqas minn sena billi l-atturi baqghu m'ghaddewx id-dokumentazzjoni rikjesta mill-assikurazzjoni tal-konvenut ghal dan iz-zmien kollu, dana sakemm l-atturi stess – din id-darba permezz ta' *email* persunali datata 5 ta' Marzu, 2018 - regaw ittentaw jibdew diskussjonijiet mal-assikurazzjoni tal-konvenut fejn gew minnufih infurmati li t-talba taghhom kienet qed tigi kkunsidrata preskritta.

Illi l-art. 2126 tal-**Kodici Civili** jipprovdi espressament li :

> « *Il-preskrizzjoni mibdija u sospiża, tissokta timxi minnufih li tispiċċa r-raġuni tas-sospensjoni tagħha.* »

Huwa kwindi car li l-intenzjoni tal-legizlatur kienet dik mhux li t-terminu preskrittiv jigi sospiz ghal zmien indefinit hekk kif parti taghmel kuntatt ma' ohra – anke matul dak iz-zmien li fih ma jkunx hemm trattattivi imma jinkonbi, minflok, is-skiet assolut bejn il-partijiet - imma li t-terminu preskrittiv jigi sospiz biss meta jkun hemm trattivi ghaddejjin b'mod spedit u f'termini ragjonevoli u jissokta jimxi hekk kif parti jew ohra tabbanduna t-trattivi u/jew ma ssegwihomx, kif jidher li gara almenu darbtejn f'dan il-kaz. Meta parti

jew ohra ma tkomplix bin-negozjati tkun effettivament spiccat ir-raguni tas-sospensjoni. Bl-ebda gbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li kien hemm xi negozjati ghaddejjin bejn l-ahhar korrispondenza tal-assikurazzjoni tal-konvenut u d-data (kwazi sena wara) li fiha l-atturi regaw ghamlu kuntatt maghha u kwindi huwa car li, skont l-art. 2126 surreferit, matul dan iz-zmien, il-preskrizzjoni issoktat timxi. Ma rrizultax f'dawn il-proceduri li d-dokumentazzjoni mitluba kienet tant ikkumplikata li l-atturi kellhom idumu kwazi sena sabiex jipprovduha jew li l-atturi zammu kuntatt mal-assikurazzjoni tal-konvenut anke f'dan l-*interim*. Jirrizulta minflok li huma hallew it-talba ghal tali dokumentazzjoni minghajr twegiba ghal kwazi sena u kwindi kellha ragun l-assikurazzjoni tal-konvenut tikkunsidra li l-atturi kienu abbandunaw it-trattattivi u kwindi t-terminu preskrittiv issokta ghaddej skont il-ligi.

Perdipiu` it-Tribunal huwa wkoll a konoxxenza ta' decizjonijiet li pprovdew, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-art. 2125(d) li : « ***<u>meta l-liġi titkellem fuq 'negozjati', qed tirreferi għal diskussjonijiet intiżi biex iwasslu għal għan ġa maqbul u mhux għal diskussjonijiet jew skambju ta' korrispondenza li għad ma jkollhomx fini determinat</u>*** » (App Ċiv. 31.10.2007 fil-kawża fl-ismijiet **Emmanuele Degiorgio et vs Twanny Moon et.** citata b'approvazzjoni mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Inna Said v. Massimo Bonello** deciza fis-16 ta' Mejju, 2017 – enfazi mizjuda). F'dan il-kaz lanqas jidher li, f'dan l-istadju, il-partijiet kienu qeghdin jaqblu dwar il-finalita` ta' tali korrispondenza u dana ghaliex, jekk da parti tal-atturi dawn kienu qed jippretendu li l-assikurazzjoni tal-konvenut thallashom, Aquilina jikkontendi li tali dokumentazzjoni kienet mehtiega sabiex tigi determinata r-rizerva.

Ghaldaqstant, fil-kaz in ezami, l-incident mertu tal-kawza sehh fil-5 ta' Jannar, 2016 filwaqt illi – skont l-istess *timeline* surreferit - it-trattattivi bejn il-partijiet u/jew l-assikurazzjonijiet rispettivi taghhom damu ghaddejjin ghal massimu ta' total ta' hames xhur u sitt ijiem. Dan iwassal sabiex it-terminu preskrittiv ta' sentejn (a tenur tal-art. 668(e) tal-**Kodici Kriminali**), tenut kont tas-sospensjoni surreferita, ghalaq fil-11 ta' Gunju, 2018. Sussegwentement intbaghtu zewg ittri ufficjali da parti tal-atturi

(rispettivament datati 19 ta' Lulju, 2018 u 24 ta' Lulju, 2018) li gew notifikati lill-konvenut rispettivament fil-24 ta' Lulju, 2018 (tergo fol. 31) u fit-28 ta' Lulju, 2018 (tergo fol. 34). Imma sadanittant huwa car li t-terminu preskrittiv kien diga` lahaq ghadda anke meta wiehed jikkunsidra debitament is-sospensjoni necessarja waqt li kienu ghaddejjin it-trattattivi. Perdipiu` il-kawza odjerna nfethet fl-1 t'Ottubru, 2018.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din-il-kawza billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, jilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut u jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-bqija tal-eccezzjonijiet, jichad it-talba attrici in kwantu preskritta tenur tal-art. 2154(1) tal-**Kodici Civili** bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**